Kunsill Lokali Kalkara ( Kalkara Local Council )
1 Binja tas-Salvatur, Triq Luigi Pisani, Kalkara. Malta KKR1330
Email: Kalkara.lc@gov.mt Tel. No: 0035621665500
Website: www.kalkaralocalcouncil.com Fax. No: 0035621665566

Seduta nru 6/09-10

Data: 28/12/09

Hin: 12.30p.m.

Post: Ufficcju tal-Kunsill Lokali

Membri Prezenti: Michael Cohen – Sindku
Norbert Grech – Vici Sindku
Speranza Chircop - Kunsilliera
Roderick Mizzi – Kunsillier
Skuzata: Maria Sultana – Kunsilliera

Minuti:

1. Approvazzjoni tal-Minuti

Il-minuti tal-laqgha gew approvati fuq proposta tas-Sindku Michael Cohen sekondat mill-Kunsilliera Speranza Chircop.

2. Mill-Minuti:-

2.1 Skema tal-gbir ta' skart separat is-Sindku qal li din qed tahdem sew.

2.2 Pjanti tac-centru civiku – Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-laqgha mat-tlett Ministri li kellha ssir f'Novembru giet posposta ghal nhar it-8 ta' Jannar 2010. Is-Sindku qal ukoll li huwa u s-Segretarja kellhom laqghat mat-tlett banek u f'dawn id-diskussjonijiet gie specifikat li t-tlett banek m'humiex lesti isellfu ghal aktar minn 20 sena.

2.3 Gemellagg – Is-Sindku qal li il-progett tal-Gemellagg bejn Crespellano u Dar il-Wens qieghed jimmaterjalizza. Il-Sindku rcieva wkoll korrispondenza minn delegazzjoni ta' Crespellano li qed jikkordinaw ma' delegazzjoni minn Monteveglio dwar progett tal-EU mal-iskola primarja.

2.4 Progett Attivitajiet Kulturali – Is-Sindku semma li din l-attivita ser tkun komposta minn gruppi, Taljani u Pollakki illum fis-7.00p.m. Kien hemm zball bid-data fuq il-leaflet li tqassam bieb bieb dwar din l-attivita.

2.5 Tizjin tat-toroq ghall-okkazjoni tal-Milied – Is-Sindku qal li inxtraw hames forom ta' dekorazzjonijiet sabiex is-sena d-diehla jinhadmu forom bhalhom mill-haddiema taghna. Il-Kunsilliera Speranza Chircop qalet li fil-fehema taghha, ghandha tinxtghel il-mina u s-sindku qal li ghandu jsir progett ghat-tisbieh tad-dahla tal-Kalkara u mhux tizjin biss.

## 3. Korrispondenza

3.1 Laqgha Pubblika – Il-laqgha Pubblika Annwali saret nhar il-Hadd 29 ta' Novembru 2009 fl-ufficcju tal-Kunsill Lokali. Is-Sindku qal li minkejja tqassmu avvizi bieb bieb, l-attendenza ta' din il-laqgha kienet wahda minima hafna. F'din il-laqgha gie diskuss ir-rapport ta' hidma ghas-sena 2009 u 2010.

3.2 Jum il-Kalkara – Il-Kunsill kollu qabel li l-attivitajiet kollha kienu success u s-Sindku ssuggerixxa li ghas-sena li gejja ghandu jsir kalendarju bl-attivitajiet ta' matul is-sena. Dwar il-kuncert mill-Joy Gospel choir flimkien mal-kor angel's voices tal-parrocca tal-Kalkara, is-Sindku qal li l-filmat ittiehed minn fotografu professjonali u ser jinbiegh lil kull min jixtieq jakkwistah.

Is-Sindku ssuggerixxa li jsiru tlett arbli bi dritt il-bandiera ezistenti fil-bandli sabiex ikunu jistghu jitilghu il-bnadar kollha. Fuq din il-proposta sar qbil unanimu. Gie ssuggerit ukoll li l-arma tal-Kalkara li hemm iddisinjata fil-bandli issirilha d-data fuqha 1994-2009 peress li issa l-arma nbidlet. Gew ordnati wkoll 3 bnadar zghar tal-Kalkara.

## 4. Giet approvata l-lista ta pagamenti bir-referenza 05/09-10.

## 5. Kuntratt tal-Gbir ta' Skart

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li t-Tender intefghet minn zewg kuntratturi. Is-Sur Paul Seguna li tefgha l-orhos offerta, tefaghha u halla barra hames punti important. Minhabba li ma kienetx mimlija kif suppost ma setghetx tigi accettata. L-offerta l-ohra tas-Sur Alexander Fenech f'isem il-kumpannija EuroClean Waste Services hija ftit aktar gholja minn kemm hi qieghda ezistenti fuq is-servizz ta' emergenza.

Il-Kuntrattur gie mghajjat ghall-laqgha tal-kunsill sabiex tigi diskussa l-aggudikazzjoni.
Aggudikazzjoni tal-Offerta:

1. Ammont ta' haddiema – 2 tikkonsisti ix-xufier u kollettur
2. Vetturi – 3 vetturi li huma proprjeta tieghu bid-data 1994, 1996 u 1997.
3. Engine Model – Tlett vetturi Euro 2
4. Referenzi ohra – Kunsill Lokali Birgu minghajr default notice.

Il-Kunsill qabel b'mod unanimu li l-offerta tinghata lill-Alexander Fenech f'isem il-kumpannija EuroClean Waste Services.

Gie deciz mal-Kunsill li l-borza l-griza ta' nhar ta' Tlieta ghandha tingabar mis-siegha ta' wara nofsinhar il-quddiem.

6. Informazzjoni Generali

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li s-sistema tal-kartanzjan inbidlet. Id-dokument ser jibda johrog mill-ufficcju tal-Kunsill. Din il-procedura hija li meta persuna tigi tigbor id-dokument tal-kartanzjan, din tiffirma ghalih fl-ufficcju tal-Kunsill.

7. Aggornament:

7.1 Il-Vici Sindku Norbert Grech qajjem dawn il-punti:

7.1a Staqsa ghalfejn it-trakkijiet li qed jahdmu Smart City qieghedin jghaddu minn Triq San Leonardu. Is-Sindku qal li dawk it-trakkijiet li qed jghaddu, huma dawk li qed jahdmu ghall-mina tad-drenagg.

7.1b Ippropona li ssir roundabout tal-konkos fil-pjazzetta ta' Triq Santu Rokku quddiem ic-Cimiterju. Din il-proposta giet approvata m'mod unanimu.

7.1c Il-Vici Sindku staqsa wkoll ghal liema raguni ix-xoghol fi Sqaq Marina Nru 1 waqaf u ma tkompliex. Is-Sindku qal li kien gie avvicinat minn xi nies li qalulu li ser taqa dik id-dar tal-genb tal-isqaq u ghalhekk il-Kunsill waqqaf ix-xoghol. Huwa qal li issa li x-xoghol fuq dik id-dar kwazi tlesta ix-xoghol jitkompla bl-istess madum u ghandha anke titranga l-entratura tieghu.

7.1d Il-Vici Sindku staqsa wkoll kemm hu possibli li l-Bring in-Sites ta' Triq il-Missjoni Taljana jitpoggew post iehor. Is-Sindku qal li dawn ser jitpoggew fi Triq il-Missjoni Taljana fejn il-Ground.

7.2 Il-Kunsillier Roderick Mizzi ressaq dawn il-punti:

7.2a Titnaddaf l-ghalqa ta' wara l-istage ta' Bighi

7.2b Issir manutenzjoni tas-site tad-dawra ta' Bighi

7.2c Ser issir laqgha mal-perit dwar il-monument tal-Gwerra dwar l-istima tal-progett u jekk ghandiex tohrog sejha ghall-offerti jew kwotazzjoni.

7.3 Il-Kunsilliera Speranza Chircop ressqet dawn il-punti:

7.3a Ser torganizza kors dwar kif isiru opri tal-bahar.

7.3b Ser torganizza kors tal-Glass Painting li jibda nhar il-11 ta' Jannar mill-16.30 sas-18.30 fl-ufficcju tal-Kunsill Lokali.

7.3c Il-leaflets li qed jitqassmu bieb bieb mhux jircevihom kullhadd.

7.3d Zjara lill-president ta' Malta.

Is-Seduta tal-Kunsill spiccat fit-2.30 ta' wara nofsinhar.

| | |
|---|---|
| M.Cohen | S. Galea Iriele |
| Sindku | Seg Ezekuttiv |